**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 23 ta' Marzu, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**Spettur Jonathan Ransley**

**vs**

**Charlton Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Charlton Mifsud detentur tal-Karta tal-Identita' numru 457885(M) fejn huwa gie akkuzat talli fis-26 ta' Jannar, 2018 ghal habta tat-8:10 ta' filghodu fi Triq Sir Frederick C Ponsonby, Gzira:

1. Hedded bil-fomm lil Enrica Farrugia u lil Marisa Farrugia u/jew persuni ohra b’ delitt fejn flimkien ma’ dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;
2. Ukoll talli ghamel ingurji jew theddid lil Erica Farrugia u lil Marisa Farrugia u/jew persuni ohra mhux imsemmijin band’ ohra f’ dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, b’ ingurja b’ mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
3. U aktar talli volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fejn il-bieb tar-residenza numru 66, Triq Sir Fredrick C. Ponsonby, Gzira ghad-detriment ta’ Carmelo Farrugia u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29)
4. U aktar talli b’ xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra fil-Kodici Kriminali, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar 9 ta’ Marzu, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat ix-xhieda u rat il-Pre-Sentencing Report imhejji mill-Probation Officer Ivan Sultana fejn saru s-segwenti rakkomandazzjonijiet:

Fid-dawl tal-informazzjoni migbura, qed jigi rrakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Charlton Mifsud jinghata Ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu taghha. Ma' dan ghandu jkun assigurat illi l-imputat izomm il-boghod mid-droga kif ukoll li jigi ndirizzat l-aspett ta' rabja.

Fl-ahharnett ghandu jkun hemm Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Enrica Farrugia.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet maghmula fil-Pre-sentencing Report. Il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha taddotta r-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer Ivan Sultana fejn gie indikat li l-imputat ghandu jiehu t-trattament necessarju rigward anger management kif ukoll jiehu l-ghajnuna professjonali sabiex jibqa' 'l boghod mill-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 249(1)(2), 339(1)(e), 325(d), u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-

Art. 7 tal-Kap. 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ukoll ghal-perjodu ta' tliet (3) snin millum taht il-kura tal-psikologu Dr Kevin Sammut Henwood u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija Enrica Farrugia.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**